# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 9 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 64/15/2 FDP**

**Alexander Barbara**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tal-24 ta' Settembru, 2015 ġew kjamati in kawża Grezzju Farrugia, Francis Farrugia, Michelina Barbara u Mario Farrugia; u b'digriet tad-19 ta' Lulju 2019 stante l-mewt ta' Francis Farrugia saret trasfużjoni tal-ġudizzju f'isem Maria Farrugia; u b'digriet tal-14 ta' Jannar, 2016 ġie kjamat fil-kawża d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tar-rikorrent minn sentenza ta' nhar is-16 ta' Diċembru 2021 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha b'liema ċaħdet it-talba tar-rikorrent u ma sabitx ksur

tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq hekk kif imħares bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

2. Ir-rikorrent ressaq azzjoni kostituzzjonali nhar l-4 ta' Awwissu 2015 fejn talab illi:

> "(i) fl-ewwel lok, tiddikjara u tiddeciedi illi matul il-process tal-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et gie lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet kollha spjegati f'dan ir-rikors;
>
> (ii) fit-tieni lok, tiddikjara u tiddeciedi illi inoltre, bis-sentenza nnifisha moghtija fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et gie lez il-jedd tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghar-ragunijiet kollha spjegati f'dan ir-rikors;
>
> (iii) fit-tielet lok, tiddikjara u tiddeciedi illi f'kull kaz, il-jeddijiet fundamentali ta' l-esponenti, hawn fuq imsemmija, ser ikomplu jew x'aktarx ser ikomplu jigu miksura jekk kemm-il darba ma tigix imhassra s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Frar 2015 fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et;
>
> (iv) konsegwentament taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dana, fost affarijiet ohra, billi thassar u tannulla s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-26 ta' Frar, 2015 fil-kawza li ghandha n-numru tac-Citazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et;
>
> (v) tikkundanna lill-intimat ihallas id-danni sofferti mill-esponenti minhabba tali vjolazzjonijiet;".

3. B'sentenza tad-29 ta' Novembru 2018 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddeċidiet:

> "Illi għalhekk għal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi, billi filwaqt li tastjeni milli tieħu aktar konjizzjoin tal-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-kjamati in kawża Farrugia, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, filwaqt li tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha fit-termini tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap.319 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk tilqa' din l-eċċezzjoni issollevata mill-intimat u mill-kjamati i kawża billi jirriżulta li r-rimedji ordinarji disponibbli għar-rikorrent għadhom ma ġewx eżawriti".

4. Wara appell tal-11 ta' Diċembru 2018 mressaq mir-rikorrent, minn dik is-Sentenza tad-29 ta' Novembru 2018, il-Qorti Kostituzzjonali, permezz ta' sentenza ta' nhar l-20 ta' Lulju 2020, ddeċidiet:

> "1. Tilqa' l-aggravju tal-attur li l-ewwel Qorti ma kellhiex terżerċita l-jedd li tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha (proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319) limitatament fir-rigward tal-ilment li seħħ ksur tal-Artikolu 6 tal--Konvenzjoni Ewropea minħabba li l-attur qiegħed jallega li ma ingħatax smigħ fi żmien raġonevoli.
>
> 2. Tiċħad il-kumplament tal-aggravji tal-attur.
>
> 3. Tvarja s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Novembru, 2018 fis-sens li fir-rigward tal-ilment tal-attur li ma ingħatax smigħ fi żmien raġonevoli fil-kawża 634/2005, tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali, il-konvenuti Farrugia, Barbara u d-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali li l-attur naqas milli jeżawrixxi r-rimedji ordinarji qabel ippreżenta din il-kawża. Għaldaqstant, tordna l-prosegwiment tal-kawża limitatament fir-rigward ta' dak l-ilment biss.
>
> 4. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza, b'dan li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jinqasmu in kwantu għal 60% a karigu tal-attur u 40% a karigu tal-konvenut u l-imsejħin fil-kawża. Bl-istess mod għandhom jinqasmu l-ispejjeż tal-appell.
>
> Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar l-ilment tal-attur li fil-kawża ma ingħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli."

5. B'hekk l-Atti reġgħu ntbagħtu lura quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha sabiex dik il-Qorti tagħti

sentenza fir-rigward ta' jekk ir-rikorrent ingħatax smigħ xieraq fi żmien raġonevoli waqt is-smigħ taċ-ċitazzjoni bin-numru 634/2005, fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** liema ġiet deċiża nhar is-26 ta' Frar 2015. F'dik il-kawża r-rikorrent Barbara kien konvenut.

6. Ġie deċiż, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali, permezz ta' sentenza tas-16 ta' Diċembru 2021:

> "Il-Qorti,
>
> Wara illi rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili – Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) tad-29 ta' Novembru 2018 u s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-20 ta' Lulju 2020 fejn bagħet lura l-atti sabiex jiġi deċiż l-ilment tar-rikorrent li ma ngħatax smiegħ fi żmien raġjonevoli fil-kawża "Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et", Ċitazzjoni Nru 634/2005 deċiża fis-26 ta' Frar 2015.
>
> Wara illi rat l-atti tal-kawża "Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et", Ċitazzjoni Nru 634/2005 deċiża fis-26 ta' Frar 2015.
>
> Wara illi rat is-sentenza finali fil-kawża "Grezzju Farrugia et vs Alexander Barbara et", Ċitazzjoni Nru 634/2005 mogħtija illum stess minn dina l-Qorti stess.
>
> Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi:
>
> Tiddikjara illi matul il-proċess tal-kawża li għandha n-numru taċ-Ċitazzjoni 634/2005/SM fl-ismijiet Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et ma ġiex leż il-jedd tar-rikorrent Alexander Barbara għal smigħ xieraq kif sanċit fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Liġijiet ta' Malta bis-saħħa tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Spejjeż tal-kawża odjerna għandhom jinqasmu, in kwantu għal 60%, a kariku tar-rikorrent, u in kwantu għal 20% a kariku tal-konvenut u in kwantu għal 20% għall-imsejħin fil-kawża.

7. Illi l-Ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> "43. Kif ġie rilevat mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali)

fis-sentenza ben riċerkata u erudita per Imħallef Toni Abela mogħtija fis-16 ta' Settembru 2021 fil kawża "Anthony Mario Vella vs Reġistraur tal-Qorti et":

> *"Sabiex jiġi żgurat dan il-bilanċ, fil-kejl tagħha tar-raġjonevolezza taż-żmien il-Qorti Ewropea, u bl-istess mod il-Qrati tagħna, konsistentement qieset iċ-ċirkostanzi individwali u partikolari tal-każ fid-dawl ta' erba' kriterji ġenerali (ara fost ħafna oħrajn Kurzac v. Poland § 30; Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]; Frydlender v. France [GC], § 43; Sürmeli v. Germany [GC], § 128; Lupeni Greek Catholic Parish and Others v. Romania [GC], § 143; Nicolae Virgiliu Tănase v. Romania [GC], § 209). Dawn huma: (i) il-kumplessità tal-każ; (ii) il-kondotta tal-parti li qed tilmenta; (iii) il-kondotta tal-awtorijiet kompetenti, jiġifieri l-azzjonijiet talqorti in kwistjoni u tal-awtoritajiet governattivi oħra involuti fil-proċess; (iv) l-importanza tal-każ għall-attur;"*

44. Applikati dawn il-kriterji, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet.

45. Kif ġie osservat aktar 'il fuq minn dina l-Qorti, l-kawża odjerna ġiet intavolata mir-rikorrent wara illi l-kawża li kienet ġiet intavolata kontrieh minn kuġin tiegħu Grezzju Farrugia flimkien ma' kuġini tiegħu fis-sena 2005 kienet ġiet deċiża kontra tiegħu fis-sena 2015.

46. Jiġi osservat illi l-kawża odjerna kellha, oriġinalment, żewġ binarji differenti – waħda ta' ksur minħabba f'dewmien u oħra ta' ksur minħabba fil-fatt illi l-Ewwel Qorti kienet naqqset milli tagħti piż lill-atti ta' kawża intavolata fis-sena 1979 u l-istess meritu li kienet, iżda ġiet deċiża a favur tar-rikorrent odjern.

47. Jiġi rilevat wkoll illi, dwar dana t-tieni ilment, il-Qorti Kostituzzjonali kienet ikkonkludiet illi r-rikorrent kellu r-rimedju ordinarju, illi kien l-appell illi huwa kien intavola sitt xhur qabel, quddiem il-Qorti tal-Appell, u għalhekk din il-Qorti ma kinetx indirizzata sabiex terġa' tikkunsidra tali lment mill-ġdid.

48. Jiġi osservat wkoll illi, wara kollox, il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tar-rikorrent odjern, u annullat is-sentenza, li eventwalment ġiet deċiża illum stess.

49. Għalhekk, kull ma fadallha tosserva, dina l-Qorti, hija l-ilment tar-rikorrent li l-kawża 634/2005 ħadet wisq żmien sabiex tigi deċiża.

50. Jirriżulta, mill-eżami akkurat tal-proċess Ċitazzjoni Nru 634/2005, illi f'dawk il-proċeduri saru b'kollox, wieħed u tletin seduta (31), li minnhom ħamsa (5) ma seħħewx minħabba f'indisposizzjoni tal-Qorti, filwaqt illi f'sebgħa (7) seduti ġew prodotti xhieda u fir-rimanenti dsatax-il (19) seduta, kienu l-konsulenti legali jew tar-rikorrent odjern stess jew ta' Grezzju Farrugia, illi talbu differiment.

51. Jirriżulta wkoll illi, għalkemm il-pern tal-azzjoni odjerna tidher illi

kienet ippernjata fuq l-asserzjoni illi l-proċess tal-każ 247/79 u l-Mandat ta' Inibizzjoni 97/79 ma kinux ġew allegati mal-proċeduri 634/2005, li fiha r-rikorrent qiegħed jilmenta l-ksur, dina l-argumentazzjoni kollha sfaxxat fix-xejn meta irriżulta li, a differenza ta' dak allegat mir-rikorrent, tali proċess kien attwalment allegat mal-proċess 634/2005, tant illi, fit-28 ta' Frar 2006, kienet il-konsulenta legali tar-rikorrent stess li talbet differiment biex tara dak illi kien ġia allegat.

52. Filwaqt illi l-Qorti tifhem illi r-rikorrent odjern seta' kien urtat mill-fatt illi l-kawża 634/2005 kienet ġiet deċiża kontra tiegħu wara li l-kawża 247/79 fuq l-istess biċċa art, ossija ġardina, kienet ġiet deċiża favur tiegħu, u seta' kien urtat ukoll mill-fatt illi ngħata x'jifhem illi l-ewwel Qorti ma tatx każ l-eżitu tal-kawża 247/79 li, wara kollox, ġiet deċiża fil-31 ta' Jannar 1997, ma tistax ma tosservax illi d-dewmien li seta' seħħ fil-proċeduri 634/2005 ma seħħewx minħabba f'xi dewmien attribwibbli lill-Qorti jew l-Amministrazzjoni tal-Qorti, iżda hija attribwibbli prinċipalment lill-aġir, jew inkella nuqqas ta' preparazzjoni, da parte tal-konsulenti legali taż-żewġ partijiet fil-kawża.

53. Jidher ċar, di fatti, illi kieku l-konsulenti legali tal-partijiet ppreparaw il-kawża tagħhom fir-reqqa dakinhar li ġiet intavolata l-kawża, ċertament dik il-kawża setgħet tiġi deċiża ferm qabel – jingħad, biss biss, illi r-rikorrenti f'dawk il-proċeduri, ossija l-kjamati in kawża fil-proċeduri odjerni, ippreżenta rapport li kien redatt mill-Perit 'ex parte' tiegħu fis-sena 2005, fis-sena 2012 – aktar minn sebgħa snin wara.

54. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi huwa minnu illi l-Qrati għandhom jassikuraw illi l-proċeduri jitmexxew bi speditezza u effiċjenza, ċertament, fil-każ odjern, jirriżulta illi l-Qorti għamlet l-għalmu tagħha sabiex il-kawża titmexxa 'l-quddiem, iżda kienu l-Avukati tal-partijiet, inkluż il-konsulent legali tar-rikorrent odjern, illi wasslu għal dewmien fil-proċeduri 634/2005, u l-Qorti tħoss illi l-Istat ma għandux jinżamm responsabbli għal nuqqasijiet imputabbli unikament lejn l-Avukati li mexxew il-proċeduri.

55. Finalment, il-Qorti ma tistax ma tosservax, bi tħassib, il-prassi reċenti adoperata minn xi membri tal-Avukatura fejn, bil-għan illi jkattru x-xogħol ġudizzjarju, possibbilment tagħhom ukoll, bil-pretest illi l-klijent tagħhom sofra xi tip ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, jintavolaw mirijadi ta' proċeduri ta' natura Kostituzzjonali mingħajr ma jistennew illi r-rimedji ordinarji li huma għandhom jiġu konklużi.

56. Fil-każ odjern, huwa ċar illi l-ilment Kostituzzjonali ma sarx għax kien hemm dewmien, iżda sar prinċipalment għax fis-sentenza 634/2005 deċiża fis 26 ta' Frar 2015 ma kienx ingħata piż lill-kawża 247/79 w il-konklużjoni tagħha ibbażata fuq ir-rapport tal-Perit Rene' Buttiġieg – il-Qorti tal-Appell eventwalment tat lir-rikorrenti r-rimedju illi kien lilu spetta mingħajr il-ħtieġa ta' proċeduri Kostituzzjonali, u di fatti annullat is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015.

> 57. Dewmien fil-proċeduri 634/2005, seħħ minħabba nuqqasijiet attribwibbli prinċipalment lill-Avukati w mhux lill-Qorti u/jew l-Amministrazzjoni tagħha.
>
> 58. Għalhekk, la darba d-dewmien ġie rekat ukoll mill-konsulent legali tar-rikorrent, il-Qorti ma tarax kif jista' jikkontempla illi ġew lilu leżi xi drittijiet ta' smiegħ xieraq meta kien huwa stess li tawwal tali proċeduri.
>
> 59. Id-dritt tas-smiegħ xieraq huwa dritt sacrosant illi dina l-Qorti hija obbligata illi tiddefendi u tipproteġi, u ser tassikura li tiddefendi kull fejn hemm bżonn, imma meta parti tabbuża mis-sistema a benefiċċju tagħha, il-Qorti ma tistax tippremja tali abbuż billi tiddikjara li ġie lilha leż xi dritt, u dana peress illi huwa ċar li tali dewmien seħħ riżultat ta' nuqqasijiet attribwibbli lill-partijiet, inkluż ir-rikorrent, u mhux attribwibbli lis-sistema ġudizzjarja illi, għalkemm ċertament għandha l-problemi w id-diffikultajiet kbar tagħha, fil-każ odjern ma naqqsitx id-dritt ta' smiegħ xieraq lir-rikorrent.
>
> 60. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma huwiex minnu illi r-rikorrent ma ngħatax smiegħ fiż-żmien raġjonevoli.

8. Ir-rikorrent qiegħed issa jressaq appell minn dik id-deċiżjoni, liema appell qiegħed jiġi ppernjat fuq żewġ aggravji: (i) li d-dewmien ma kellux ikun attribwibbli prinċipalment lill-avukati u dan tenut kont li l-kawża 634/2005/SM fl-ismijiet **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** ħadet 10 snin sabiex ġiet deċiża. Ir-rikorrent jilmenta li ħafna żmien minn dak kien okkupat minn differimenti li ngħataw mingħajr raġuni valida u mill-provi ta' l-atturi. L-atturi ddikjaraw illi ma għandhomx provi kważi 8 snin wara illi ppreżentaw il-kawża. Ir-rikorrent jinkludi epilogu tal-verbali, bid-dati u l-iskop u andament tas-seduta. Jilmenta li l-kawża setgħet instemgħet f'sena jew anqas. Iżid illi meta wieħed jieħu kont tal-perjodu tal-appell, il-kawża damet b'kollox 16-il sena. Jargumenta li l-Qorti għanda tingħata biżżejjed riżorsi sabiex tkun tista' twettaq id-dmir tagħha. *Inoltre* jgħid li ċertu konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti ma kinux korretti.

(ii) Fir-rigward tat-tieni aggravju jingħad illi huwa ma kellux jiġi ordnat iħallas spejjeż ġudizzjarji.

9. L-Avukat Ġenerali ressaq ir-risposta tiegħu nhar l-14 ta' Jannar 2022 u wieġeb (i) li fir-rigward tal-ewwel aggravju, sabiex wieħed verament jiddetermina kienx hemm dewmien irraġjonevoli, bilfors irid jiġi eżaminat il-proċess u b'mod partikolari l-verbali tas-seduti. Jgħid illi minn analiżi tal-verbali kienu sitt seduti biss li ġew differiti mill-Qorti filwaqt li l-kumplament kienu l-partijiet li ħadu diversi seduti għall-provi. Jgħid illi hu ma kienx parti minn dawk il-proċeduri (ii) Fir-rigward tat-tieni aggravju jingħad illi l-kap tal-ispejjeż jiġi kkalkulat skont id-decide u konsegwentement ma kienx hemm bżonn tal-aggravju, hekk kif imressaq.

10. Ma ġiet imressqa l-ebda risposta mill-kjamati fil-kawża Direttur Qrati Ċivili u Tribunali u anqas mill-kjamati Farrugia u Barbara.

11. Fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Mejju 2022 ġie nnutat illi Francis Farrugia, wieħed mill-kjamati fil-kawża kien miet. Illi l-kawża tħalliet għall-leġittimazzjoni tal-Atti li sas-seduta tad-9 ta' Jannar 2023 kienet għadha ma saritx. Id-difensur tar-rikorrent *qua* appellant talab illi *ai termini* tal-Art 810B tal-Kap 12 il-proċeduri jitkomplew anke fil-konfront tal-mejjet Francis Farrugia. Il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti ta' Relevanza**

12. Ir-rikorrent jilmenta minn ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq (Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) fil-kawża **Grezzju Farrugia et v. Alexander Barbara et** (Ċitazzjonu Numru 634/2005) deċiża fis-26 ta' Frar, 2015 u appellata mill-attur nhar is-17 ta' Marzu 2015. L-atturi fiċ-Ċitazzjoni Numru 634/2005 talbu għal dikjarazzjoni li huma sidien ta' ishma indiviżi minn ġardina li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-fond numru 70, Triq Santa Marija, Gudja.

13. L-Appell mis-Sentenza fl-atti taċ- Ċitazzjoni Numru 634/2005 ġie appuntat għas-smigħ fit-13 ta' Ottubru 2020, bis-sentenza tingħata nhar is-27 ta' Jannar 2021 u permezz ta' liema ħassret is-sentenza appellata tas-26 ta' Frar 2015 u bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawża terġa' tiġi deċiża bl-ispejjeż kontra l-atturi (*fol12 sa fol30* tal-proċess 64/2015/1/FDP).

14. Il-proċeduri biċ-ċitazzjoni numru 634/2005, wara li ntbagħtu lura mill-Qorti tal- Appell ġew deċiżi mill- Qorti Ċivili mill-Onor. Imħ. Francesco Depasquale. Fis-seduta tal-21 ta' April 2021 ġie vverbalizzat illi s-sentenzi taċ-Ċitazzjoni numru 634/2005 u r-Rikors Kostituzzjonali 64/2015 kellhom jingħataw kontemporanjament ( *fol.*32). Fis-Sentenza tal-Ewwel Qorti, *qua* appellata, dan jiġi ndikat ukoll:

> "12. Jirriżulta illi fis-17 ta' Novembru 2021 il-kawża tħalliet għas-

> sentenza w illum stess, 16 ta' Diċembru 2021, ingħatat is-sentenza finali minn dina l-Qorti kif ippresjeduta.
>
> 13. Jirriżulta illi, fis-sentenza mogħtija illum stess, il-Qorti għaddiet biex ċaħdet il-pretensjoni kollha ta' Grezzju Farrugia et fil-konfront tar-rikorrent odjern, bl-ispejjeż kontra tagħhom."

15. Relevanti għall-appell li għandha quddiemha din il-Qorti huma d-dati u l-andament tat-32 seduta miżmuma mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sa meta ngħatat is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015 fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 634/2005.

16. Kemm l-Ewwel Qorti, fis-Sentenza tagħha tas-16 ta' Diċembru 2021, u kemm ir-rikorrent fir-rikors ta' appell tiegħu għamlu elenku tal-verbali fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 634/2005 sa meta ngħatat is-sentenza tas-26 ta' Frar 2015.

17. Din il-Qorti fliet bir-reqqa dawn il-verbali wkoll. Għall-iskop tas-sommarju li jmiss 'atturi' jfissru l-atturi Farrugia fl-atti taċ-ċitazzjoni numru 634/2005 u 'konvenut' ifisser il-konvenut Barbara *qua* rikorrent appellant f'din il-kawża:

i. Fl-ewwel dehra tas-<u>7 ta' Novembru 2005</u> il-Qorti ġiet mitluba tallega l-atti tal-kawża 247/79 fl-ismjiet **Giovanna Barbara vs Carmelo Farrugia** u tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 97/79 fl-istess ismijiet, liema talba ma kinitx opposta mid-difensur tal-atturi u ġiet milqugħa. Il-kawża tħalliet għat-28 ta' Frar 2006 sabiex jiġu allegati l-atti u jekk ikun il-każ jitressqu

l-provi kollha tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni.

ii. Fit-28 ta' Frar 2006, id-difensur tal-konvenut talbet aktar żmien sabiex teżamina l-atti li ġew allegati u dana għal verifika dwar provi li għandhom isiru dwar it-tieni eċċezzjoni. Il-kawża tħalliet għat-30 ta' Mejju 2006 għal dan l-iskop u għal provi kollha tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni.

iii. Fit-30 ta' Mejju 2006 il-kawża ġiet differita fuq Ordni tal-Qorti għat-13 ta' Novembru 2006 u baqgħet għall-istess skop indikat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2006.

iv. Fit-13 ta' Novembru 2006 il-kawża ġiet differita fuq Ordni tal-Qorti għall-5 ta' Diċembru 2006 sabiex tinstema' minn Qorti diversament presjeduta u baqgħet għall-istess skop indikat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2006.

v. Fil-5 ta' Diċembru 2006, minħabba mard, il-kawża ġiet differita għat-13 ta' Marzu 2007 fuq Ordni tal-Qorti u baqgħet għall-istess skop indikat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2006.

vi. Fit-13 ta Marzu 2007, minħabba mard, il-kawża ġiet differita fuq Ordni tal-Qorti għat-19 ta' Ġunju 2007 u baqgħet għall-istess skop indikat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2006.

vii. Fid-19 ta' Ġunju 2007 ma dehru l-ebda wieħed mid-difensuri tal-partijiet u deher biss Grezzju Farrugia, wieħed mill-atturi. Il-kawża ġiet differita għall-4 ta' Diċembru 2007 u baqgħet għall-istess skop indikat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2006.

viii. Fl-4 ta' Diċembru 2007 il-Qorti kienet indisposta u l-kawża ġiet differita għat-3 ta' April fl-2008 għall-istess skop indikat fis-seduta tat-28 ta' Frar 2006.

ix. Fit-3 ta' April 2008 dehru l-partijiet assistiti u b'referenza għall-verbal tas-7 ta' Novembru 2005 ġiet ordnata komunika lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili. Il-kawża ġiet differita għall-4 ta' Ġunju 2008.

x. Fl-4 ta' Ġunju 2008 dehru d-difensuri tal-partijiet u l-Qorti, wara li r-rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili ħalliet il-kawża għall-informazzjoni ulterjuri għat-18 ta' Novembru 2008.

xi. Fit-18 ta' Novembru 2008 il-kawża ġiet differita fuq Ordni tal-Qorti għat-18 ta' Marzu 2009 u baqgħet għall-istess skop indikat fis-seduta tal-4 ta' Ġunju 2008.

xii. Fit-18 ta' Marzu 2009 il-konvenut talab differiment *stante* li d-difensur tiegħu kienet indisposta. It-talba ġiet milqugħa u l-kawża ġiet differita għall-24 ta' Novembru 2009.

xiii. Fl-24 ta' Novembru 2009 dehru l-partijiet assistiti u l-kawża ġiet differita għall-provi atturi fl-10 ta' Marzu 2010.

xiv. Fl-10 ta' Marzu 2010 dehru l-partijiet assistiti fejn qablu li kellha tiġi trattata u deċiża l-ewwel eċċezzjoni. Id-difensur tal-atturi f'dik is-seduta informa l-Qorti li fil-mori kien ser jippreżenta affidavits relatati mat-tieni eċċezzjoni. Il-kawża ġiet differita għas-6 ta' Ottubru 2010 għall-provi tal-atturi.

xv. Fis-6 ta' Ottubru 2010 ġie inġunt il-Perit Valerio Schembri li deher wara l-ħin tas-seduta. Id-difensuri tal-partijiet ma dehrux anqas fil-ħin tas-seduta u dehru aktar tard. Il-kawża ġiet differita għat-19 ta' Jannar 2011 għall-provi tal-atturi.

xvi. Fid-19 ta' Jannar 2011 dehru l-partijiet u d-difensur tal-atturi u l-kawża ġiet differita għall-5 ta' April 2011 għall-provi tal-atturi u dan wara li l-Perit Valerio Schembri ma setax jattendi minħabba xogħol.

xvii. Fil-5 ta' April 2011 dehru l-atturi u d-difensur tagħhom u xehed il-Perit Valerio Schembri li ġie awtorizzat jippreżenta rapport fir-reġistru. Il-kawża ġiet differita għas-27 ta' Ottubru 2011 għall-għeluq provi atturi fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

xviii. Fis-27 ta' Ottubru 2011 dehru l-partijiet assistiti u talbu differiment sabiex l-atturi jressqu provi fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet. Il-kawża ġiet differita għad-9 ta' Frar 2012.

xix. Fid-9 ta' Frar 2012 dehru l-partijiet assistiti fejn talbu aktar żmien sabiex jaffetwaw riċerki tas-sentenza tal-31 ta' Jannar 1997 fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 249/79. Ingħata differiment għat-8 ta' Mejju 2012.

xx. Fit-8 ta' Mejju 2012 tressqu l-provi u l-kawża ġiet differita għall-provi tal-atturi għad-29 ta' Mejju 2012.

xxi. Fid-29 ta' Mejju 2012 dehru l-atturi assistiti mid-difensur tagħhom u l-konvenut mhux assistit. Tressqu l-provi u l-kawża ġiet differita għall-10 ta' Ottubru 2012 għall-provi atturi.

xxii. Fl-10 ta' Ottubru 2012 dehru d-difensuri tal-partijiet. Tressqu l-provi u l-kawża ġiet differita għall-5 Diċembru 2012 għall-provi atturi.

xxiii. Fil-5 ta' Diċembru 2012 deher biss l-attur. Il-kawża ġiet differita għas-7 ta' Marzu 2013 għall-aħħar darba provi atturi.

xxiv. Fis-7 ta' Marzu 2013 dehru l-partijiet u d-difensur tal-konvenut. Il-kawża ġiet differita għat-30 ta' Mejju 2013 għall-provi atturi.

xxv. Fit-30 ta' Mejju 2013 dehru l-partijiet u d-difensur tal-atturi. Tressqu l-provi u ġew iddikjarati magħluqin il-provi tal-attur. Il-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut għall-10 ta' Ottubru 2013.

xxvi. Fl-10 ta' Ottubru 2013 dehru l-partijiet u d-difensur tal-atturi. Ma dehritx id-difensur tal-konvenut. Dik il-Qorti nnutat li s-seduta kienet għall-provi tal-konvenut. Il-kawża ġiet differita għall-aħħar darba għall-11 ta' Diċembru 2013 għall-għeluq provi konvenut u dan *stante* li dan ma kienx oppost mill-kontroparti.

xxvii. Fil-11 ta' Diċembru 2013 dehru l-partijiet u d-difensuri tagħhom. Tressqu l-provi. Il-kawża ġiet differita għas-26 ta' Frar 2014 għall-provi tal-konvenut.

xxviii. Fis-26 ta' Frar 2014 dehru d-difensuri għall-partijiet li kienu preżenti. Id-difensur tal-konvenut tiddikjara li m'għandhiex aktar provi salv għall-kontroeżamijiet. Il-kawża ġiet differita għas-27 ta' Marzu 2014 għall-kontroeżamijiet.

xxix. Fis-27 ta' Marzu 2014 jidher wieħed mill-atturi assistit mid-difensur. Id-difensur tal-konvenut kienet indisposta. Il-kawża ġiet differita għat-3 ta' Ġunju 2014 għall-kontroeżamijiet.

xxx. Fit-3 ta' Ġunju 2014 dehru d-difensuri tal-partijiet, saru l-

kontroeżamijiet. Il-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni kontroeżamijiet fil-11 ta' Novembru 2014.

xxxi. Fil-11 ta' Novembru 2014 deher wieħed mill-atturi assistit mid-difensur tiegħu, deher il-konvenut mhux assistit. Il-provi ġew ddikjarati magħluqa. Il-Qorti awtorizzat it-trattazzjoni, semgħet it-trattazzjoni tad-difensur tal-attur u l-kawża ġiet differita għas-sentenza għas-26 ta' Frar 2015.

xxxii. Fis-26 ta' Frar 2015 ingħatat sentenza.

18. Din il-Qorti tinnota illi l-ġudikant f'dik il-kawża nbidel tliet darbiet.

**Ikkonsidrat:**

**L-ewwel aggravju – Dewmien**

19. Illi dwar iż-żmien raġonevoli l-awturi **Harris, O'Boyle and Warbrick** fil-ktieb **Law of the European Convention on Human Rights** (raba' edizzjoni (2018)) jispjegaw illi:

> "The purpose of the 'reasonable time' guarantee, which applies to both criminal and non-criminal cases, is to protect 'all parties to court proceedings...against excessive procedural delays' [Stogmuller v Austria A 9 (1969) p 40, 191. On the guarantee, see Henzelin and Rordorf, 5 NJ ECL 78 (2014)] and 'underlines the importance of rendering justice without delays which might jeopardize its effectiveness and credibility' [H v France A 162-A)1989); 12 EHRR 74 para 58]. The reasonableness of the length of proceedings in both criminal and non-criminal cases depends on the particular circumstances of the case [Konig v Germany A 27 (1978); 2 EHRR

170 PC and Pedersen and Baadsgaard v Denmark 2004-XI; 42 EHRR 486 GC]. There is no absolute time limit. Factors that are always considered are the complexity of the case, the conduct of the applicant, and the conduct of the competent administrative and judicial authorities [Konig v Germany; ibid]. The Court also takes into account what is 'at stake' for the applicant [Frydlender v France 2000-VII; 31 EHRR 1152 GC, what is 'at stake' is sometimes treated as a separate fourth factor: see, eg. Surmeli v Germany 2006-VII; 44 EHRR 438 GC].4."

20. L-istess ingħad fil-kawża **Comingersoll S.A. v. Portugal [GC]**, 2000:

"19. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined in the light of the circumstances of the case and with reference to the criteria laid down in the Court's case-law, in particular the complexity of the case, the conduct of the applicant and of the relevant authorities, and what was at stake for the applicant in the dispute (see, among many other authorities, the Silva Pontes v. Portugal judgment of 23 March 1994, Series A no. 286-A, p. 15, § 39)."

21. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża **Zakkarija Calleja v. Avukat Ġenerali**[1] saħqet:

"16. In tema legali jigi osservat li llum jinsab assodat, kemm fil-gurisprudenza patria kif ukoll f'dik Ewropeja, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, ghandhom jigu ezaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz specjalment il-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex il-kaz jigi deciz b'mod finali.

…

18. Ma tezisti ebda lista komprensiva li tista` twassal lill-Qorti sabiex tiddikjara lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq abbazi ta' dewmien fil-proceduri, u ghalhekk il-Qorti trid tqis ic-cirkostanzi kollha partikolari ghall-kaz, inkluz il-kumplessita` tal-mertu kif ukoll l-imgieba tal-partijiet.

*"As regards the criteria for assessing whether the General Court has*

[1] Rikors Numru 83/13 AF – deċiża mill-Q.K. nhar il-15 ta' Diċembru 2015

> *observed the reasonable time principle, it must be borne in mind that the reasonableness of the period for delivering judgment is to be appraised in the light of the circumstances specific to each case, such as the complexity of the case and the conduct of the parties (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v. Commission, paragraph 181 and the case-law cited). "…. The Court has held in that regard that the list of relevant criteria is not exhaustive and that the assessment of the reasonableness of a period does not require a systematic examination of the circumstances of the case in the light of each of them, where the duration of the proceedings appears justified in the light of one of them. Thus, the complexity of the case or the dilatory conduct of the applicant may be deemed to justify a duration which is prima facie too long (see, in particular, Der Grüne Punkt – Duales System Deutschland v. Commission, paragraph 182 and the case-law cited)"*

> 19. Dwar it-tifsira tal-kuncett ta' 'zmien ragjonevoli', il-Qrati taghna wkoll esprimew ruhhom u sostnew illi t-terminu fih innifsu ghandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jhalli f'idejn il-gudikant jiddetermina jekk fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, iz-zmien perkors sakemm ilpersuna allegata tkun giet gudikata, kienx ta' tul tali li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika5 . Dan ifisser illi kull kaz ghandu jigi ezaminat fid-dawl tac-cirkostanzi specjali tieghu. Dan il-principju japplika wkoll ghall-proceduri civili.

22. **Fil-każ odjern, din il-Qorti tinnota illi:**

i. Inżammu żewġ seduti f'Novembru 2005 u Frar 2006 li fihom intalab l-allegazzjoni tal-atti u aktar żmien sabiex dawn jiġu studjati mid-difensur tal-konvenut *qua* rikorrent appellant.

ii. Il-Qorti fuq ordni tagħha ddiferiet 4 seduti bejn Mejju 2006 u Marzu 2007, inkluż minħabba mard.

iii. Fis-seduta ta' Ġunju 2007 ma deher ħadd mid-difensuri u deher biss l-attur f'dik il-kawża.

iv. Fis-seduta ta' Diċembru 2007 il-Qorti kienet indisposta.

v. Inżammu 2 seduti bejn April u Ġunju 2008 li fihom ma sarx wisq u dan fid-dawl li l-atti kienu għadhom ma ġewx allegati. Ġiet preżentata nota mir-Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili, il-kontenut ta' liema kien jirrigwarda l-fatt li l-proċess tal-kawża 247/79 fl-ismjiet **Giovanna Barbara vs Carmelo Farrugia** ma kinx instab filwaqt li l-proċess tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 97/79 jidher li kien l-aħħar għand ċertu Dr. A. Farrugia. Il-kawża tħalliet għal informazzjoni ulterjuri.

vi. F' Novembru 2008 il-kawża ġiet differita fuq ordni tal-Qorti.

vii. F' Marzu 2009 ir-rikorrent *qua* appellant f'din il-kawża talab differiment *stante* li d-difensur tiegħu kienet indisposta.

viii. Inżammu 4 seduti bejn Novembru 2009 u Jannar 2011 li fil-maġġorparti tagħhom kienu intiżi għall-provi atturi u li minħabba raġuni jew oħra ma tressqu l-ebda provi fihom.

ix. F'seduta f'April 2011 tressqu l-provi.

x. Fis-seduti ta' Ottubru 2011 u Frar 2012 saru żewġ seduti fejn il-partijiet talbu aktar żmien sabiex iressqu l-provi;

xi. Inżammu 3 seduti bejn Mejju 2012 u Ottubru 2012 u tressqu l-provi;

xii. Bejn Diċembru 2012 u Ottubru 2013 saru diversi seduti li fihom jiġi nnutat in-nuqqas tad-difensuri taż-żewġ partijiet.

xiii. Fis-seduti ta' Diċembru 2013 u Frar 2014 ġew magħluqa l-provi tar-rikorrent *qua* appellant f'dil-kawża salv għall-kontroeżamijiet.

xiv. F'Marzu 2014 intalab differiment mir-rikorrent qua appellant.

xv. F'Ġunju 2014 isiru l-kontroeżamijiet.

xvi. F'Novembru 2014 ma tidhirx id-difensur tar-rikorrent *qua* appellant, jingħalqu kontroeżamijiet u ssir trattazzjoni.

xvii. Fi Frar 2015 tingħata sentenza.

23. Minn qari tal-verbali jintwera li għalkemm il-partijiet innifishom urew interess fil-kawża tagħhom, tant li kienu preżenti fil-maġġorparti tas-seduti, mhux l-istess jingħad għad-difensuri tagħhom. Din il-Qorti tifhem li dan jagħmilha tassew diffiċli għal Qorti sabiex tieħu provedimenti kontra dawk il-partijiet stess meta jkun id-difensur tagħhom li jkun naqas milli jidher fis-seduta. *Inoltre*, jkun diffiċli wkoll li l-Qorti tieħu ċertu provedimenti meta l-partijiet ma jkunux qed jinsistu li l-Qorti timxi b'ċertu

urġenza u naturalment il-Qorti allura tista' tħoss li ma jkunx neċessarju li tkun iebsa mal-partijiet.

24. Tassew ir-rikorrent Barbara seta' dejjem oppona jew insista li l-provi tal-atturi matul il-mori tal-kawża 634/2005 jiġu magħluqa u dan *tramite* d-difensur tiegħu. Dan ma sar qatt. Anzi f'diversi drabi ġie vverbalizzat li kienu l-partijiet, u dan konġuntament, li bdew jaqblu li għandu jingħata xi differiment sabiex ikun hemm aktar żmien sabiex jiġu mressqa l-provi. Jiġi osservat ukoll li ntalbu differimenti sabiex id-difensuri jagħmlu riċerka jew jikkonfermaw fatti u dan meta kellhom żmien biżżejjed sabiex jagħmlu dan bejn seduta u oħra. L-Ewwel Qorti b'hekk ma kinitx kompletament żbaljata meta saħqet illi:

> "56. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi huwa minnu illi l-Qrati għandhom jassikuraw illi l-proċeduri jitmexxew bi speditezza u effiċjenza, ċertament, fil-każ odjern, jirriżulta illi l-Qorti għamlet l-għalmu tagħha sabiex il-kawża titmexxa 'l-quddiem, iżda kienu l-Avukati tal-partijiet, inkluż il-konsulent legali tar-rikorrent odjern, illi wasslu għal dewmien fil-proċeduri 634/2005, u l-Qorti tħoss illi l-Istat ma għandux jinżamm responsabbli għal nuqqasijiet imputabbli unikament lejn l-Avukati li mexxew il-proċeduri.
>
> 57. Dewmien fil-proċeduri 634/2005, seħħ minħabba nuqqasijiet attribwibbli prinċipalment lill-Avukati w mhux lill-Qorti u/jew l-Amministrazzjoni tagħha."

25. **Madanakollu din il-Qorti ma tistax tieqaf hawn u trid tmur oltre dak ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti.**

26. Primarjament din il-Qorti ma tistax ma tesprimix li l-mod kif imxiet il-kawża fis-smigħ taċ-ċitazzjoni numru 634/2005 qajla tinkoraġixxi fiduċja

fil-prosegwimenti tal-kawżi quddiem il-Qrati Maltin għaliex fl-aħħar mill-aħħar trid tkun il-Qorti li tiddierieġi l-kawża u tara li din tinqata' fi żmien raġjonevoli. Fuq kollox għandha tkun il-Qorti stess li tagħmel ċert li jiġi evitat kwalunkwe abbuż u dilungar mhux neċessarju speċjalment meta l-provi miġbura ma jkunux ta' ċertu kumplessità jew ma jkunux inġabru b'diffikultà. Dan esprimietu l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ġjà suċċitata **Zakkarija Calleja vs Avukat Ġenerali**:

> "25. Din il-Qorti pero` tosserva li, minkejja l-apatija tal-partijiet infushom u tal-bosta periti li gew mahtura tul is-snin f'dawn il-kawzi, <u>kien il-poter-dover tal-Qorti illi tizgura li tali dewmien ma jigix permess</u>. Kif spiss sahqu l-qrati taghna, fl-ahhar <u>mill-ahhar id-dmir jibqa' tal-Qorti li ma tippermetti lil hadd mill-partijiet, inkluzi d-difensuri, li jabbuzaw mill-process gudizzjarju u fl-istess waqt tizgura li l-periti gudizzjarji jaqdu dmirijiethom fi zmien ragjonevoli minghajr il-htiega li toqoghod tistenna lill-partijiet biex jattirawlha l-attenzjoni</u>."

27. Din il-Qorti tinnota wkoll id-diversi differimenti li ngħataw minn dik il-Qorti fil-bidu tal-kawża tant li bejn Mejju 2006 u April 2008 ma sar assolutament xejn (anke jekk f'waħda minn dawk is-seduti kienu l-partijiet li ma dehrux u kien hemm ukoll istanzi ta' mard).

28. Anqas għenet il-kwistjoni relatata mal-allegazzjoni tal-proċessi **Giovanna Barbara et -vs- Carmelo Farrugia et** (Ċitazzjoni Nru 247/79 FGC) kif ukoll l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 97/79, tant li bejn id-differimenti li ngħataw fuq ordni tal-Qorti u l-kwistjoni tal-atti, ġew moħlija żewġ differimenti sabiex dil-kwistjoni tiġi ndirizzata (u dan indipendentement mill-iżvolġiment kollu li sar wara).

29. Din il-Qorti tinnota wkoll illi l-atturi ħadu ammont ta' snin sabiex iressqu l-provi kollha tagħhom, liema kienu jikkonsistu f'kuntratti u xhieda tal-atturi stess.

30. Din il-Qorti tqis illi li proċess ġudizzjarju jitmexxa b'effiċjenza huwa essenzjali mhux biss għall-interess ta' parti jew oħra fil-kawża, (għalkemm forsi ma tkunx dejjem fl-interess tal-partijiet kollha), iżda hija essenzjali sabiex tinżamm fiduċja fil-Qrati tagħna u sabiex il-Qorti taġixxi bħala tarka kontra persuni li l-uniku interess tagħhom ikun li jabbużaw mill-Qrati a skapitu ta' terzi.

31. Dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tagħmel *hand-holding* tal-partijiet jew saħansitra d-difensuri tagħhom. Madanakollu l-Qorti għandha tiżgura li l-proċeduri quddiemha jimxu b'mod effiċjenti u dan meta wieħed jikkonsidra li fil-bilanċ ta' kollox hemm ir-*ripple-effect* li d-dewmien fil-kawżi jħalli fuq is-sistema ġudizzjarja kollha. Dan il-Qorti Kostituzzjonali għarfietu u saħħqitu f'insenjament preċedenti tagħha u ċjoè fil-kawża **Iris Cassar v. Avukat Generali**, 27 ta' Marzu 2015 fejn ingħad:

> "Fil-fehma ta' din il-qorti, għalhekk, kien hemm nuqqas kemm tal-ewwel qorti fit-tmexxija tal-kawża, nuqqas inerenti fis-sistema u nuqqas tal-partijiet, fosthom l-atturi stess. Ladarba d-dmir ewlieni li tmexxi l-kawżi b'ħeffa u effiċjenza, minkejja wkoll l-inerzja tal-partijiet, jaqa' fuq il-qorti, u ladarba wkoll hemm dmir fuq l-awtorita` pubblika li tagħmel disponibbli riżorsi biżżejjed biex il-qorti tkun tista' twettaq id-dmir tagħha, din il-qorti ma taqbilx mal-argument tal-Avukat Ġenerali illi l-istat għandu jkun ezonerat minn responsabbilità għal dewmien ta' għexieren ta' snin biex tinqata' kawża ta' komplessita` mhux aktar mill-medja. Il-qorti dan tgħidu mingħajr ma b'hekk tnaqqas xejn mir-responsabbilità kontributorja tal-atturi stess illi għandu jkollha relevanza għal likwidazzjoni tal-kumpens lilhom dovut."

32. B'hekk ukoll u fir-rigward tal-argumenti miġjuba mill-intimat Avukat Ġenerali, li hu ma kienx parti mill-kawża 634/2005, jingħad illi l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Istat u konsegwentement din l-istituzzjoni f'kawżi ta' dan it-tip u jsegwi allura li kawża ta' dan it-tip issir fil-konfront tal-Avukat Ġenerali.

33. Konsegwentement din il-Qorti ssib illi l-mod kif tmexxew il-proċeduri fis-smigħ taċ-ċitazzjoni numru 634/2005 wasslu għall-ksur tad-drittijiet umani tar-rikorrent.

34. Fir-rigward ta' rimedju ssir referenza għall-każ **John A. Said et v. L-Avukat Ġenerali** deċiża fit-3 ta' Frar 2009 fejn intqal:

> "ir-rimedju li tista' taghti l-Prim' Awla (kif ukoll din il-qorti) bħala rimedju għad-dewmien jista' jvarja minn sempliċi dikjarazzjoni ta' leżjoni, għal danni morali jew, eċċezzjonalment, anke għal danni materjali".

u żżomm quddiemha s-segwenti insenjament:

> "36. Din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox mal-ewwel Qorti fir-rigward. Tosserva li ghal numru konsiderevoli ta' snin, ir-rikorrent ma ghamel xejn sabiex jissollecita l-andament tal-proceduri. Kien biss wara li ghaddew 'il fuq minn ghoxrin sena [u wara li kien ghalaq il-provi tieghu wara hmistax-il sena] li dan qisu stenbah u beda jipprotesta u jissollecita l-Qorti biex tghaddi ghas-sentenza minkejja li l-intimat ma kienx ghadu ghalaq il-provi tieghu. Dan ifisser illi ghalkemm huwa minnu illi d-dewmien dovut ghar-rikorrent appellat seta` kien inqas minn dak dovut ghall-kontro-parti tieghu Gatt, hija l-fhema ta' din il-Qorti li l-ewwel Qorti kellha taghti piz aktar lill-apatija tar-rikorrent fl-ewwel snin tal-kawza, u dan ghandu jittiehed in konsiderazzjoni u jinghata l-piz misthoqq filkomputazzjoni tal-kumpens.[2]"

[2] Zakkarija Calleja vs Avukat Generali - QK

35. Konsegwentement, u għalkemm din il-Qorti ser tkun qed tilqa' l-ewwel aggravju, fiċ-ċirkostanzi jidhrilha illi l-ammont ta' elf Ewro (€1,000) f'kumpens non-pekunarju huwa rimedju ġust għal-leżjoni konvenzjonali sofferta mir-rikorrent u dan tenut kont ukoll il-passività li biha mexa tul il-mori tas-smigħ taċ-ċitazzjoni numru 634/2005.

**It-Tieni Aggravju – l-Ispejjeż**

36. Illi l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk fir-rigward tal-ispejjeż:

> "Spejjeż tal-kawża odjerna għandhom jinqasmu, in kwantu għal 60%, a kariku tar-rikorrent, u in kwantu għal 20% a kariku tal-konvenut u in kwantu għal 20% għall-imsejħin fil-kawża."

37. Illi l-uniku aggravju mressaq fir-rigward tal-ispejjeż kien mir-rikorrent u konsegwentement se jibqgħu l-istess l-ispejjeż fir-rigward tal-konvenut u tal-imsejħin fil-kawża.

38. Tenut kont li ġie milqugħ l-ewwel aggravju din il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju u tordna li l-ispejjeż tar-rikorrent jiġu sopportati kemm mill-konvenut Avukat Ġenerali u kemm mill-kjamat fil-kawża Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, dan ta' l-aħħar tenut kont id-dewmien imġarrab b'konsegwenza ta' proċessi li ma ġewx traċċati.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ma sabitx ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u minflok tiddikjara illi d-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrent ġie leż u takkorda kumpens ta' elf ewro (€1,000) f'kumpens non-pekunarju. Tilqa' t-tieni aggravju u tordna li l-ispejjeż li kien ordnat iħallas ir-rikorrent jinqasmu a karigu tal-Avukat Ġenerali f'sehem ta' 50% u a karigu tad-Direttur Qrati Ċivili u Tribunali f'sehem ta' 10%.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom ikunu a karigu tal-konvenut Avukat Ġenerali f'sehem ta' 80% u tal-kjamat fil-kawża Direttur Qrati Ċivili u Tribunal f'sehem ta' 20%.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da